Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Marzu 2026**
**(OR. en)**

**7240/26**

**EF 66**
**ECOFIN 329**
**FSC 6**
***ESMA***
***ESRB***
***ECB***
***EIOPA***
***SRB***
***EBA***

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 119 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW dwar il-preparatezza tas-settur finanzjarju tal-UE |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 119 final.

Mehmuż: COM(2026) 119 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2026
COM(2026) 119 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

## dwar il-preparatezza tas-settur finanzjarju tal-UE

MT MT

## 1. Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja riskji dejjem akbar u theddid bla preċedent f'diversi setturi. Dawn ir-riskji jvarjaw minn inċertezza akbar, tensjonijiet u kunflitti ġeopolitiċi, riskji taċ-ċibersigurtà u tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni, sa tibdil fil-klima u riskji dejjem akbar ta' perikli naturali. Biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tantiċipa, tipprevjeni u tirrispondi għal dan it-theddid, fis-26 ta' Marzu 2025 il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ippreżentaw b'mod konġunt l-istrateġija għal unjoni tal-preparatezza[1]. Is-settur finanzjarju tal-UE għandu rwol ewlieni fiż-żamma tal-funzjonijiet vitali tas-soċjetà fiċ-ċirkostanzi kollha. Għal din ir-raġuni, bħala parti mill-istrateġija għal unjoni tal-preparatezza, u filwaqt li twassal l-azzjoni 25 tal-anness tal-komunikazzjoni konġunta, il-Kummissjoni qed tagħmel valutazzjoni komprensiva tal-livell ta' preparatezza fis-settur finanzjarju. B'mod partikolari, qed tivvaluta l-kapaċità tas-settur li jkompli jwettaq il-funzjonijiet kritiċi tiegħu, bħal li jagħmel pagamenti u jiffinanzja l-ekonomija fiċ-ċirkostanzi kollha.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji hija mibnija fuq tradizzjoni soda ta' prudenza, prekawzjoni, reżiljenza u antiċipazzjoni. L-objettivi huma ċari: biex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, ir-riżoluzzjoni ordnata ta' kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja li tkun qed tfalli, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-assigurazzjoni tad-depożiti, il-protezzjoni tal-investituri u l-integrità tas-suq. L-UE lestiet reviżjoni komprensiva tar-regoli prudenzjali tagħha u tal-arkitettura tas-superviżjoni bankarja wara l-Kriżi Finanzjarja l-Kbira li bdiet fl-2007. Dawn ir-riformi saħħew l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE, is-swieq kapitali tagħha u l-fornituri tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju.

Illum, is-settur finanzjarju tal-UE kiseb livell għoli ta' reżiljenza billi kkonsolida tliet pilastri: (i) kapital ibbażat fuq ir-riskju għall-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji, (ii) rekwiżiti ta' governanza u trasparenza u (iii) mekkaniżmi ta' kooperazzjoni superviżorja fl-Istati Membri u bejn is-setturi. L-UE stabbiliet politiki u prinċipji li jipproduċu valutazzjonijiet kontinwi tar-riskji ta' avvenimenti estremi fl-oqsma ta' riskju operazzjonali, il-kontinwità tal-operat u l-pjanijiet ta' kontinġenza.

Il-qafas tal-UE ġie ttestjat minn diversi episodji ta' kriżijiet f'dawn l-aħħar snin, bħall-pandemija tal-COVID-19, l-aggressjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-kriżi bankarja reġjonali tal-Istati Uniti u l-kriżi ta' Credit Suisse fl-2023, qtugħ tal-elettriku, attakki ċibernetiċi u inċidenti ibridi. Fid-dawl ta' dawn il-kriżijiet, is-settur finanzjarju tal-UE wera robustezza u reżiljenza. L-awtoritajiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali aġixxew malajr u b'mod effettiv.

B'mod ġenerali, il-preparatezza mhijiex statika; hija stat dinamiku u li jħares 'il quddiem. Teħtieġ ċiklu kontinwu ta' ppjanar, taħriġ, tagħmir, ittestjar, evalwazzjoni u titjib. Tirrikjedi enfasi fuq ir-rieda li jiġu indirizzati l-perikli kollha billi jiġu antiċipati r-riskji, jiġu żviluppati l-kapaċitajiet, issir koordinazzjoni bejn is-setturi (il-gvern, is-settur privat, is-settur pubbliku) u nitgħallmu minn avvenimenti tal-passat biex nibnu komunitajiet reżiljenti li jistgħu

[1] Il-Kummissjoni u s-SEAE ħarġu komunikazzjoni konġunta dwar l-istrateġija għal unjoni tal-preparatezza.

jipprevjenu, jipproteġu u jirkupraw meta tfaqqa' kriżi. Dan japplika bl-istess mod għas-settur finanzjarju.

Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-istat attwali ta' preparatezza tas-settur finanzjarju tal-UE, filwaqt li jibni fuq diskussjonijiet kontinwi mal-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, l-Istati Membri u l-industrija tas-servizzi finanzjarji.

## 2. Preparatezza fis-suq uniku tal-UE

Fil-livell tal-UE, il-preparatezza fis-settur finanzjarju tjiebet matul dawn l-aħħar snin permezz ta' miżuri leġiżlattivi u billi nħolqu strutturi ta' governanza fil-livell tal-UE li jirriflettu n-natura transfruntiera tas-settur finanzjarju tal-UE. Il-governanza hija bbażata fuq żewġ pilastri: ir-regolamenti tal-UE u l-awtoritajiet tal-UE. Din l-istruttura hija kkomplementata minn sensiela ta' miżuri meħuda fil-livell taż-żona tal-euro, reġjonali (li jinvolvi diversi Stati Membri) u tal-Istati Membri.

### 2.1 Leġiżlazzjoni tal-UE li tirregola s-settur finanzjarju

Is-settur finanzjarju huwa rregolat kemm minn leġiżlazzjoni speċifika għas-setturi kif ukoll minn leġiżlazzjoni trażversali.

*Leġiżlazzjoni speċifika għas-setturi*

Il-leġiżlazzjoni speċifika għas-setturi tinkludi d-Direttiva u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD/CRR)[2], Solvenza II[3], id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji II (MiFID II)[4], ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR)[5] u r-Regolament dwar id-Depożitarji Ċentrali tat-Titoli (CSDR)[6]. Dawn il-biċċiet ta' leġiżlazzjoni jistabbilixxu rekwiżit prudenzjali biex jiżguraw ir-reżiljenza, l-istabbiltà u l-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet finanzjarji, l-infrastruttura finanzjarja u s-sistema finanzjarja.

Mil-lat ta' preparatezza, diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni speċifika għas-setturi jistabbilixxu rekwiżiti li jirregolaw il-ġestjoni tar-riskju operazzjonali, ir-reżiljenza operazzjonali, ir-

[2] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (CRD); Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (CRR).

[3] Test konsolidat: Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II).

[4] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (MIFID II).

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorju tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (EMIR).

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012.

reżiljenza tal-ICT, il-kontinwità tal-operat u l-ġestjoni tal-kriżijiet. Pereżempju, fis-settur bankarju, is-CRR/CRD, id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD)[7], ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR)[8] u d-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD)[9] jiżguraw li l-banek ikollhom ir-reżiljenza biex jifilħu għal firxa wiesgħa ta' riskji potenzjali, inklużi avvenimenti estremi. Il-banek huma mistennija jimplimentaw oqfsa robusti ta' governanza u ġestjoni tar-riskju, inklużi pjanijiet imtejba ta' kontinwità tal-operat, komunikazzjoni u rkupru, biex jindirizzaw firxa wiesgħa ta' riskji b'mod effettiv. Il-karatteristiċi ewlenin tal-miżuri biex jiġu indirizzati x-xenarji ta' riskju, kemm prekawzjonarji kif ukoll reattivi, jinkludu rekwiżiti *ex ante* speċifiċi għall-banek bħall-pjanijiet ta' rkupru u l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, kif mitlub skont l-SRMR u l-BRRD.

Minbarra l-banek, l-impriżi tal-assigurazzjoni rregolati skont Solvenza II, id-ditti tal-investiment skont il-MiFID II, u l-infrastrutturi tas-suq bħall-kontropartijiet ċentrali (CCPs) u d-depożitorji ċentrali tat-titoli huma soġġetti għal rekwiżiti simili biex jiġu żgurati r-reżiljenza operazzjonali, ir-riskju tal-ICT, il-kontinwità tal-operat u l-ġestjoni tal-kriżijiet. Dawn huma kkomplementati minn rekwiżiti biex jissaħħaħ l-ippjanar tal-irkupru u tar-riżoluzzjoni fejn meħtieġ. Il-ġestjoni tal-assi u l-intermedjazzjoni finanzjarja mhux bankarja huma soġġetti wkoll għal qafas regolatorju tal-UE wiesa' u dejjem aktar komprensiv, inklużi d-Direttiva dwar l-Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli, id-Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u r-Regolament dwar il-Fondi tas-Suq Monetarju. Dawn l-istrumenti jimponu rekwiżiti fuq il-ġestjoni tar-riskju, il-ġestjoni tal-likwidità, l-ingranaġġ, il-valwazzjoni u t-trasparenza, biex titrawwem l-istabbiltà tas-settur. L-azzjoni biex tiġi żviluppata l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU, Savings and Investments Union) billi tinbena l-kapaċità tas-settur finanzjarju tal-UE li jgħaqqad it-tfaddil ma' investimenti produttivi, u b'hekk jittejbu l-kondiviżjoni tar-riskju u d-diversifikazzjoni fis-settur finanzjarju kollu tal-UE, se ttejjeb ir-reżiljenza u t-tħejjija ġenerali tagħha.

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) – is-superviżur uniku għall-banek f'21 Stat Membru – u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fiż-żona tal-euro u barra minnha jpoġġu r-reżiljenza finanzjarja u operazzjonali tal-banek fiċ-ċentru tal-prijoritajiet ta' superviżjoni tagħhom. Il-banek huma mħeġġa b'mod partikolari biex iqisu kif xieraq ir-riskji ġeopolitiċi u jintegrawhom fil-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom. L-iskoperturi għal kontropartijiet f'pajjiżi mhux tal-UE, l-impatti potenzjali ta' sanzjonijiet barranin fuq l-iskoperturi u d-dipendenzi fuq fornituri u infrastrutturi esterni tas-servizzi għandhom jiġu kkunsidrati mill-banek f'dak il-kuntest. Barra minn hekk, il-banek għandhom jiżviluppaw qafas ta' governanza robust u protezzjoni

[7] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (BRRD).

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (SRMR).

[9] Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (DGSD).

kontra t-theddid ċibernetiku u theddid ieħor li jista' jaffettwa r-reżiljenza operazzjonali tagħhom. Dan jinkludi miżuri biex tiżdied is-sikurezza u biex ikun hemm protezzjoni kontra l-ħsara fiżika. Lil hinn mill-miżuri speċifiċi għall-istituzzjoni, il-qafas prudenzjali bankarju tal-UE jindirizza wkoll kanali ta' riskju usa' fis-sistema kollha u transfruntieri.

Il-qafas għall-ġestjoni tal-kriżijiet joħloq sett ta' għodod disponibbli biex jintuża meta l-vijabbiltà tal-fornitur ta' funzjoni kritika tkun mhedda. Il-qafas rivedut għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet Bankarji u l-Assigurazzjoni tad-Depożiti, li kien intlaħaq ftehim politiku dwaru f'Ġunju 2025, huwa pass importanti biex is-sistema tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet issir saħansitra aktar effettiva, b'mod partikolari għall-banek iżgħar u ta' daqs medju.

Aspett importanti tal-preparatezza fis-settur finanzjarju huwa li jkun hemm strumenti ta' pagament disponibbli għall-pubbliku, kemm fi flus kontanti kif ukoll pagamenti elettroniċi. Sabiex jiġi żgurat li l-**flus kontanti** jkunu disponibbli fiċ-ċirkostanzi kollha, fil-livell tal-Eurosistema, miżura ewlenija hija li jinżammu stokks strateġiċi ta' karti tal-flus tal-euro. Il-BĊE huwa l-korp ċentrali ta' koordinazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet u jmexxi eżerċizzji perjodiċi ta' ġestjoni tal-kriżijiet, inkluża komunikazzjoni potenzjali tal-kriżijiet. Fil-livell nazzjonali, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) iżommu pjanijiet għall-kontinwità tal-operat biex jiżguraw li l-ġbid ta' flus kontanti u d-depożiti jibqgħu disponibbli.

B'mod parallel, il-proposta dwar il-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, imressqa mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ġunju 2023, tfittex li tiżgura li l-flus kontanti tal-euro jibqgħu aċċettati b'mod wiesa' għall-pagamenti u faċilment aċċessibbli għan-nies, in-negozji u l-entitajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro kollha. Ir-rekwiżiti biex tinżamm infrastruttura ta' flus kontanti b'saħħitha fi żminijiet normali jappoġġaw id-disponibbiltà ta' flus kontanti f'sitwazzjonijiet ta' kontinġenza. Il-proposta tal-Kummissjoni ma kinitx tinkludi dispożizzjoni dwar ir-reżiljenza, iżda l-Kunsill żied dan fil-mandat ta' negozjar tiegħu, li jirrikjedi li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ pjan ta' reżiljenza tal-flus kontanti jew taħlita ta' miżuri ekwivalenti.

Barra minn hekk, id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament 3 (PSD3), li dwarha ntlaħaq ftehim politiku f'Novembru 2025, għandha l-għan li tagħti spinta lill-aċċess għall-flus kontanti fil-ħwienet billi tippermetti lill-bejjiegħa bl-imnut joffru ġbid ta' flus kontanti mingħajr xiri (cash-in-shops), sa ċertu limitu. Dan jagħmel l-użu tal-flus kontanti aktar konvenjenti, speċjalment fiż-żoni rurali, billi jiċċara r-regoli għall-bejjiegħa bl-imnut u għall-operaturi tal-ATM.

Minbarra d-disponibbiltà tal-flus kontanti, huwa kruċjali li tinżamm il-kontinwità tas-**servizzi ta' pagament** inklużi l-pagamenti bil-kard, il-pagamenti bbażati fuq trasferiment minn kont għal kont (inkluż permezz tal-mowbajls), l-aċċess għall-kontijiet ta' pagament u l-kapaċità li jsiru depożiti, sabiex tinżamm il-fiduċja tal-pubbliku fis-sistema finanzjarja, tinżamm l-ordni pubblika u jiġi żgurat il-funzjonament bażiku tal-ekonomija f'każ ta' tfixkil mifrux billi l-pubbliku jingħata aċċess kontinwu għas-servizzi bażiċi.

Id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament 2 (PSD2) attwali tirregola aspetti oħra inkluż il-ġestjoni tar-riskji operazzjonali u tas-sigurtà u r-rapportar ta' inċidenti kbar. L-għan huwa li jissaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza tas-sistemi ta' pagament fl-UE kollha.

L-Eurosistema tippromwovi s-sigurtà u l-effiċjenza tas-sistemi ta' pagament. Hija stabbiliet rekwiżiti ta' sorveljanza biex tindirizza x-xenarji ta' riskju ewlenin identifikati għall-ekosistema Ewropea tal-pagamenti. L-oqfsa jistabbilixxu sett komprensiv ta' rekwiżiti għall-ġestjoni tar-riskji operazzjonali. Dawn jinkludu miżuri għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-operat u l-irkupru f'waqtu, flimkien ma' dispożizzjonijiet speċifiċi għas-sigurtà tal-informazzjoni, ir-reżiljenza ċibernetika, is-sigurtà fiżika, l-esternalizzazzjoni, il-ġestjoni tar-riskju tal-IT u oqsma relatati oħra. Il-qafas ikopri strumenti ta' pagament elettroniku (bħal kards, debiti diretti, trasferimenti ta' kreditu, flus elettroniċi u kartieri diġitali), kif ukoll l-iskemi (pereż. networks tal-kards) u l-applikazzjonijiet (pereż. kartieri elettroniċi) li jippermettu l-użu tagħhom.

Biex jipprovdi protezzjoni akbar, l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-BĊE għas-Sistemi ta' Pagament Sistemikament Importanti (SIPS) jistabbilixxi rekwiżiti oħra. Pereżempju, dan jirrikjedi li s-sistemi jiżguraw l-irkupru fi żmien sagħtejn (inkluż permezz tal-użu ta' siti sekondarji) u li l-operaturi ta' SIPS ikunu jistgħu jlestu s-saldu tal-pagamenti kollha dovuti f'jum sa tmiem il-jum ta' negozju meta jkun seħħ l-inċident.

Il-proġett biex jinħoloq euro diġitali – forma diġitali ta' flus kontanti, li tikkomplementa l-flus kontanti fiżiċi u s-soluzzjonijiet ta' pagament privat – tagħti lill-pubbliku metodu addizzjonali ta' pagament, filwaqt li fl-istess ħin trawwem l-inklużjoni diġitali u finanzjarja. Bħala l-ewwel sistema ta' pagament pan-Ewropea, l-euro diġitali jgħin ukoll biex jiġi ssalvagwardjat ir-rwol internazzjonali tal-euro. Billi jsaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE u jespandi l-firxa ta' strumenti ta' pagament disponibbli, il-proġett tal-euro diġitali għandu l-għan li jkompli jsaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali tas-servizzi ta' pagament. Fir-rigward tal-proposta dwar il-valuta legali, il-Kunsill żied dispożizzjonijiet addizzjonali biex ikompli jagħti spinta lir-reżiljenza tal-euro diġitali. F'dan il-kuntest, il-kartieri tal-UE tal-Identità Diġitali (EUDI) se jkunu interoperabbli mal-interfaċċi tal-utenti tal-euro diġitali, filwaqt li jiżguraw awtentikazzjoni sigura u bla xkiel tal-utenti[10].

*Leġiżlazzjoni transettorjali fis-settur finanzjarju*

Biex jikkomplementa l-leġiżlazzjoni finanzjarja enfasizzata hawn fuq, l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali (DORA) huwa biċċa leġiżlazzjoni speċifika għas-settur finanzjarju li tapplika fis-settur finanzjarju kollu tal-UE. Huwa jkopri 20 tip differenti ta' entitajiet finanzjarji inklużi istituzzjonijiet ta' kreditu, fornituri ta' servizzi ta' pagament, infrastrutturi tas-suq finanzjarju, kumpaniji tal-assigurazzjoni, aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u maniġers tal-assi.

DORA jpoġġi enfasi qawwija fuq ir-reżiljenza tal-entitajiet finanzjarji, fuq il-livell ta' tħejjija tagħhom biex jifilħu għal tfixkil potenzjali fil-qasam tal-ICT, u fuq il-ġestjoni tar-riskji li jirriżultaw mid-dipendenza tal-entitajiet finanzjarji fuq fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT, inklużi r-riskji sistemiċi u ta' konċentrazzjoni maħluqa mill-fornituri tal-ICT li huma kritiċi

---

[10] Il-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali jistabbilixxi ekosistema sigura u affidabbli għall-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni diġitali u l-użu ta' evidenza diġitali li se tkun disponibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE sa tmiem l-2026. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali se jkunu ta' benefiċċju dirett għar-reżiljenza u l-preparatezza tas-settur finanzjarju tal-UE kontra l-kriżi, filwaqt li jipproteġu kontra l-frodi u s-serq tal-identità fil-pagamenti, l-onboarding tal-klijenti u servizzi finanzjarji oħra.

għas-settur finanzjarju tal-UE. DORA jistabbilixxi qafas armonizzat u robust għat-tisħiħ tal-kapaċità tas-settur finanzjarju tal-UE li jipprevjeni, jirreżisti, jirreaġixxi u jirkupra minn tfixkil relatat mal-ICT. L-entitajiet finanzjarji jridu jistabbilixxu qafas komprensiv għall-ġestjoni tar-riskju tal-ICT – li jkopri l-governanza, l-inventarju tal-assi, l-identifikazzjoni tar-riskju, il-protezzjoni, id-detezzjoni, ir-rispons, l-irkupru u t-titjib kontinwu. Dan jiżgura li l-vulnerabbiltajiet u r-reżiljenza fis-sistemi u l-proċessi jiġu ġestiti b'mod proattiv. L-entitajiet finanzjarji huma meħtieġa wkoll jidentifikaw, jikklassifikaw u jirrapportaw inċidenti kbar relatati mal-ICT lill-awtoritajiet kompetenti bl-użu ta' definizzjonijiet, limiti u skedi ta' żmien miftiehma biex jippermettu reazzjonijiet koordinati fil-ġuriżdizzjonijiet kollha. Dan jippreskrivi ttestjar u valutazzjonijiet regolari tal-proċessi, l-għodod u l-arranġamenti ta' reżiljenza u tħejjija tagħhom.

L-entitajiet finanzjarji jridu jimmaniġġjaw ukoll ir-riskji assoċjati mal-użu ta' fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT, speċjalment fornituri terzi kritiċi (CTPPs). DORA jagħti mandat lill-entitajiet finanzjarji biex iwettqu diliġenza dovuta fuq ir-riskji ta' konċentrazzjoni qabel ma jidħlu f'kuntratti ġodda ma' fornituri terzi tal-ICT (TPPs). DORA għandu mekkaniżmu ta' sorveljanza, fejn it-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE)[11] jissorveljaw il-fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT (CTPPs) fuq skala pan-Ewropea, u dan isaħħaħ ir-reżiljenza operazzjonali diġitali ġenerali fis-settur finanzjarju kollu tal-UE. F'Novembru 2025, l-ASE ppubblikaw il-lista ta' fornituri terzi kritiċi deżinjati tal-ICT skont DORA. Il-qafas DORA huwa partikolarment adattat għall-ġestjoni taċ-ċibersigurtà, tal-konnettività, tal-preparatezza u tar-riskji operazzjonali b'dimensjoni internazzjonali b'saħħitha.

Minbarra DORA, li huwa *lex specialis* għas-settur finanzjarju, is-settur finanzjarju huwa kopert ukoll minn arranġamenti ta' kooperazzjoni orizzjonali dwar ir-reżiljenza fiżika u diġitali skont id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (CER)[12] u d-Direttiva NIS2.

Id-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi toħloq qafas ġenerali li jindirizza r-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi fir-rigward tal-perikli kollha. Hija tagħti mandat għal valutazzjonijiet tar-riskju, strateġiji nazzjonali u miżuri speċifiċi ta' reżiljenza għal entitajiet kritiċi deżinjati biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jkomplu jipprovdu funzjonijiet vitali tas-soċjetà. Għalkemm id-Direttiva tinkludi s-settur bankarju u l-infrastrutturi tas-suq finanzjarju bħala setturi kritiċi, is-settur finanzjarju huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti sostantivi kollha tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (CER, critical entities resilience), peress li huwa kopert minn rekwiżiti ħafna aktar speċifiċi skont DORA. Madankollu, is-settur finanzjarju jibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi għal arranġamenti ta' kooperazzjoni orizzontali.

---

11 It-tliet ASE huma l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA, European Insurance and Occupational Pensions Authority); u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).

12 Id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE. L-Artikolu 5(5) tad-Direttiva jipprevedi li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tiżviluppa mudell ta' rapportar komuni volontarju għall-finijiet tal-konformità mal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva.

Id-Direttiva NIS2 tipprovdi qafas usa' għaċ-ċibersigurtà f'diversi setturi kritiċi. DORA huwa meqjus *lex specialis* lejn id-Direttiva NIS2 li jfisser li r-rekwiżiti dwar il-ġestjoni tar-riskju u r-rapportar tal-inċidenti stabbiliti f'DORA japplikaw bħala att legali tal-Unjoni speċifiku għas-settur minflok id-Direttiva NIS2. Kif ikkomunikat mill-Kummissjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 (1) u (2) tad-Direttiva NIS2[13], ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva NIS2 li huma essenzjali biex tiġi żgurata l-preparatezza u biex jinkiseb livell għoli ta' reżiljenza ta' entitajiet finanzjarji jibqgħu japplikaw, inklużi r-rekwiżiti biex tiġi adottata strateġija taċ-ċibersigurtà u jiġi stabbilit qafas nazzjonali għall-ġestjoni ta' ċiberkriżijiet (bl-obbligu li jiġu ddeżinjati awtoritajiet tal-ġestjoni ta' ċiberkriżijiet u li jiġu adottati pjanijiet nazzjonali ta' rispons għall-inċidenti u l-kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira) li jkopru s-setturi bankarji u l-infrastrutturi tas-suq finanzjarju. Barra minn hekk, l-iskwadri ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters ("CSIRTs") u n-network tal-organizzazzjoni ta' kollegament tal-UE f'każ ta' ċiberkriżijiet ("EU-CyCLONe") għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom fir-rigward tas-setturi bankarji u tal-infrastrutturi tas-suq finanzjarju.

Il-miżuri ta' tħejjija deskritti għas-settur finanzjarju huma mfassla biex jibbilanċjaw il-ħtieġa għar-reżiljenza mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Ir-rekwiżiti regolatorji u superviżorji huma mfassla skont id-daqs, il-kumplessità u l-importanza sistemika tal-istituzzjonijiet biex jiġi evitat li jitqiegħed piż sproporzjonat fuq entitajiet iżgħar. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn, oqfsa armonizzati bħal DORA jissimplifikaw ir-rekwiżiti fis-settur kollu, filwaqt li jiżguraw il-konsistenza u jnaqqsu d-duplikazzjoni tal-isforzi.

### 2.2 L-awtoritajiet tal-UE: għodod u kooperazzjoni

L-awtoritajiet tal-UE huma fdati b'għodod speċifiċi li jistgħu jiġu attivati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u li jżommu arranġamenti ta' preparatezza biex jiżguraw kontinwità tal-operat. Pereżempju, it-tliet ASE ġew attribwiti setgħat ta' emerġenza skont ir-regolamenti ta' twaqqif tagħhom. Ladarba sitwazzjoni ta' emerġenza tkun ġiet rikonoxxuta formalment mill-Kunsill (skont l-Artikolu 18 tar-regolamenti tal-ASE), huma jistgħu jirrestrinġu temporanjament l-attivitajiet finanzjarji skont l-Artikolu 9, permezz ta' deċiżjonijiet individwali. Huma jwettqu wkoll funzjoni ġenerali ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (SESF) (l-Artikolu 31).

Kif imsemmi hawn fuq, il-BĊE huwa l-awtorità superviżorja unika għall-banek fil-21 Stat Membru li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, u jiżgura superviżjoni prudenzjali konsistenti fil-qasam kollu. Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni huwa l-awtorità unika ta' riżoluzzjoni għal dawn l-Istati Membri, responsabbli għar-riżoluzzjoni ordnata tal-banek li qed ifallu, u b'hekk jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja u jimminimizza l-kostijiet għall-kontribwenti.

Biex tingħata spinta lir-reżiljenza operazzjonali, l-awtoritajiet kollha tal-UE żviluppaw kontinwità tal-operat intern, arranġamenti ta' tħejjija u proċedimenti kritiċi ta' ġestjoni tal-

[13] C(2023)6068.

inċidenti biex jimmaniġġjaw varjetà ta' perikli. Huma jittestjaw regolarment dawn il-miżuri biex jiżguraw il-kontinwità tal-operat u biex jidentifikaw l-aktar proċessi tan-negozju kritiċi marbuta mal-ħin li għandhom jitwettqu f'emerġenza u f'liema livell.

Minħabba l-ħtieġa li jiġu ppreservati l-integrità u l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku u minħabba l-livell għoli ta' interkonnettività u r-riskju ta' effetti konsegwenzjali fis-settur finanzjarju tal-UE, il-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet differenti tal-UE u l-involviment tal-Istati Membri huma essenzjali sabiex jiġu antiċipati u ġestiti kriżijiet li għandhom il-potenzjal li jaffettwaw diversi partijiet tal-UE simultanjament. L-involviment bikri u l-kooperazzjoni rapida huma essenzjali kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll f'kull stadju tal-kriżi. Biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni li tista' tkun rilevanti wkoll fi kriżi, diversi awtoritajiet tal-UE kkonkludew strumenti ta' kooperazzjoni bejniethom jew mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew mal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni, jew ikkonkludew memoranda ta' qbil, (pereż. Memorandum ta' Qbil bejn il-BĊE u l-SRB), u qed iwettqu wkoll sessjonijiet ta' prattika biex jiżguraw preparatezza adegwata għall-kriżijiet.

Pass importanti f'din il-ħidma huwa l-Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-Koordinazzjoni tal-Inċidenti Ċibernetiċi Sistemiċi (EU-SCICF), stabbilit f'Jannar 2025 mill-ASE. Dan il-qafas jipprovdi pedament strateġiku għall-kooperazzjoni matul inċidenti ċibernetiċi sinifikanti[14]. Huwa għandu l-għan li jiffaċilita l-kondiviżjoni rapida tal-informazzjoni u r-risponsi konġunti billi jistabbilixxi protokolli għall-evalwazzjoni u l-mitigazzjoni tat-theddid fl-Istati Membri tal-UE.

Barra minn hekk, f'Ġunju 2025, il-Kunsill adotta Pjan ta' Azzjoni għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi[15] bħala gwida importanti għall-Istati Membri biex itejbu l-preparatezza, il-kapaċitajiet ta' detezzjoni u r-rispons tagħhom għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà, abbażi tal-mekkaniżmi rilevanti kollha inklużi dawk maħluqa mid-Direttiva NIS2, DORA (EU-SCICF) u l-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà.

Jistgħu jitwettqu eżerċizzji regolari taħt dan il-qafas biex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet ta' tħejjija u rispons jibqgħu robusti u effettivi. Barra minn hekk, fil-livell internazzjonali, il-Protokoll ta' Rispons għal Inċident Ċibernetiku tal-G7 għandu l-għan li jgħaqqad l-isforzi ta' rispons globali għat-theddid taċ-ċibersigurtà li għandu impatt fuq is-settur finanzjarju u li jiżgura risponsi f'waqthom u kkoordinati fil-ġuriżdizzjonijiet kollha.

Kull awtorità tal-UE twettaq valutazzjonijiet tar-riskju regolari u miżuri oħra biex tidentifika l-aktar riskji rilevanti fir-rigward tal-mandat u l-funzjonijiet ta' kull awtorità. Il-valutazzjonijiet tar-riskju huma mwettqa f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' fehim kondiviż u aktar fil-fond tax-xenarju tar-riskju u r-riskji li għandhom jiġu prijoritizzati. Il-valutazzjonijiet tar-riskju spiss jipprovdu input lis-sistemi ta' twissija bikrija li min-naħa tagħhom huma parti mill-oqfsa ta' preparatezza tal-awtoritajiet tal-UE. Barra minn

---

14 L-EU-SCICF jimplimenta wkoll l-Artikolu 49 ta' DORA bil-għan li jsaħħaħ il-koordinazzjoni ma' oqfsa oħra tal-UE għall-kriżijiet.

15 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2025 dwar pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi, *ĠU C, C/2025/3445, 20.6.2025,* [http://data.europa.eu/eli/C/2025/3445/oj](http://data.europa.eu/eli/C/2025/3445/oj)

hekk, l-arranġamenti regolatorji u superviżorji eżistenti bejn l-awtoritajiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati tas-settur privat jippermettu djalogu li baqa' għaddej dwar l-aspettattivi reċiproċi fir-rigward tal-preparatezza[16].

2.3 Oqfsa fil-livell nazzjonali u f'dak reġjonali

Minbarra l-leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE, l-Istati Membri żviluppaw l-iskemi ta' preparatezza nazzjonali tagħhom stess[17]. Dawn l-iskemi tipikament imorru lil hinn mis-settur finanzjarju u jkopru l-preparatezza tas-soċjetà b'mod ġenerali fil-livell nazzjonali. Għal din ir-raġuni, l-iskemi nazzjonali jvarjaw fost l-Istati Membri, u jirriflettu strutturi governattivi u amministrattivi nazzjonali differenti, u l-ambitu tal-kompetenzi. Fl-istess ħin, dawn l-iskemi nazzjonali joperaw f'qafas konsistenti tal-UE u jinteraġixxu dejjem aktar ma' arranġamenti fil-livell tal-UE u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni transfruntieri.

Il-preparatezza tas-settur finanzjarju hija dejjem element ewlieni fl-istrateġiji nazzjonali ta' preparatezza. Is-settur huwa minn ta' quddiem fit-tħejjija, u jservi ta' vetrina għal setturi oħra. L-istrateġiji nazzjonali ta' preparatezza għas-settur finanzjarju jmorru lil hinn mill-acquis tal-UE, u jiffukaw fuq kwistjonijiet operazzjonali nazzjonali. Id-differenzi bejn is-sistemi finanzjarji nazzjonali (pereż. il-karatteristiċi ewlenin tas-settur bankarju nazzjonali, il-firxa tal-użu tal-flus kontanti, l-adozzjoni tal-euro, il-parteċipazzjoni fl-Unjoni Bankarja) huma naturalment riflessi fil-mod kif jiġi vvalutat u żgurat il-livell ta' preparatezza nazzjonali tas-settur finanzjarju.

Minħabba r-rwol ċentrali li jaqdu l-awtoritajiet pubbliċi, speċjalment f'każ ta' kriżi jew inċident kbir, iridu jibqgħu disponibbli funzjonijiet ta' finanzjament affidabbli fuq terminu qasir biex jiġu evitati nuqqasijiet ta' likwidità jew ta' finanzjament fil-livell tas-settur sovran u pubbliku b'mod aktar wiesa' u biex jiġu evitati riperkussjonijiet usa' għas-soċjetà f'termini ta' fiduċja pubblika u stabbiltà finanzjarja. Madankollu, dan ma japplikax għall-oqfsa kollha ta' kriżi bl-istess mod: b'mod partikolari, ir-riżoluzzjoni bankarja hija mfassla biex tillimita d-dipendenza fuq il-fondi pubbliċi, permezz ta' mekkaniżmi ta' rikapitalizzazzjoni interna u ta' riżoluzzjoni ffinanzjati mill-industrija.

Sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-funzjonijiet ta' finanzjament fuq terminu qasir tal-gvernijiet, l-uffiċċji nazzjonali tal-ġestjoni tad-dejn (DMOs, debt management offices) żviluppaw ippjanar ta' kontinġenza u ta' kontinwità tal-operat biex ikomplu joperaw ukoll f'każ ta' kriżi. Dawn l-arranġamenti huma dejjem aktar ikkomplementati minn skambji tal-aħjar prattiki u koordinazzjoni kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak reġjonali.

Barra minn hekk, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) joffri diversi strumenti ta' assistenza finanzjarja mfassla biex jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja billi jipprovdi assistenza lill-Membri tal-MES, biex tissaħħaħ il-kapaċità taż-żona tal-euro li timmaniġġja d-

16 L-istrateġija tal-UE għal unjoni tal-preparatezza tirrikonoxxi l-importanza ta' sħubijiet bħal dawn. L-azzjonijiet ewlenin 36 u 37 għandhom l-għan li jistabbilixxu task force għall-preparatezza pubblika-privata u jiżviluppaw protokolli ta' emerġenza pubbliċi-privati fis-setturi kollha.

17 Bħala parti mill-ħidma tagħha biex twettaq il-mandat tal-azzjoni 25 tal-anness tal-komunikazzjoni konġunta dwar l-istrateġija għal unjoni tal-preparatezza, il-Kummissjoni bniet ukoll fuq diskussjonijiet kontinwi mal-Istati Membri dwar skemi ta' preparatezza.

diffikultajiet sovrani u bankarji. Dawn l-istrumenti huma maħsuba biex jindirizzaw kriżijiet sistemiċi u jikkomplementaw il-preparatezza operazzjonali nazzjonali u tal-UE għal xenarji ta' tfixkil aktar tanġibbli. Xi Stati Membri żviluppaw arranġamenti bilaterali biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' finanzjament fuq terminu qasir f'każ li kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet bażiċi tad-DMO ma tibqax disponibbli. Il-finalizzazzjoni tal-bidla pendenti fit-Trattat dwar il-MES tkompli ssaħħaħ ix-xibka ta' sikurezza taż-żona tal-euro.

B'mod parallel, hemm fora ta' koordinazzjoni reġjonali, bħall-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni Nordika-Baltika, inizjattiva reġjonali importanti ffukata fuq il-pajjiżi tal-Baħar Baltiku. Dawn il-fora jrawmu kollaborazzjoni dwar is-superviżjoni finanzjarja u l-ġestjoni tal-kriżijiet, l-iskambji ta' informazzjoni dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ippjanar strateġiku. Dawn juru kif il-kooperazzjoni reġjonali tista' ttejjeb il-preparatezza.

Diversi Stati Membri żviluppaw sħubijiet jew fora pubbliċi-privati ddedikati fil-kuntest tal-iskemi ta' preparatezza nazzjonali tagħhom (li jinkludu rappreżentanti tas-settur privat minn diversi setturi).

B'mod ġenerali, dawn l-arranġamenti fil-livell tal-UE, reġjonali u nazzjonali huma parti minn qafas ta' preparatezza b'livell differenti, fejn il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE u dak reġjonali huma kkomplementati minn azzjoni nazzjonali.

## 3. Ittestjar tal-istress

L-ittestjar tal-istress huwa aspett ewlieni tal-preparatezza, kif rikonoxxut fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiċi[18]. Fis-settur finanzjarju, l-ittestjar tal-istress diġà huwa parti integrali u essenzjali mis-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-fornituri tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju. It-testijiet tal-istress isaħħu l-preparatezza tas-settur finanzjarju billi jissimulaw kriżijiet severi (bħal reċessjonijiet, xokkijiet klimatiċi jew attakki ċibernetiċi) biex jikxfu vulnerabbiltajiet fil-kapital u l-likwidità tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Dan iġiegħel lill-istituzzjonijiet u lill-fornituri jtejbu l-ġestjoni tar-riskju, jagħtu spinta lill-bafers kapitali, jirfinaw l-ippjanar strateġiku u jibnu reżiljenza kontra xokkijiet futuri, itejbu l-istabbiltà finanzjarja ġenerali u jibnu l-fiduċja fis-suq.

L-ittestjar tal-istress jappoġġa wkoll il-preparatezza billi jaqbad kanali ta' riskju fis-sistema kollha u transfruntiera, inklużi sorsi ta' instabbiltà finanzjarja globali, tensjonijiet ġeopolitiċi, inċidenti ċibernetiċi u tfixkil għall-infrastruttura kritika.

Fis-**sistema bankarja**, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għandha mandat biex tibda u tikkoordina testijiet tal-istress fl-UE kollha għas-settur bankarju. Abbażi ta' dan il-mandat, l-EBA twettaq test tal-istress fl-UE kollha kull sentejn li jkopri madwar 75 % tas-settur bankarju. Is-CRD tagħti wkoll mandat lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu testijiet superviżorji tal-istress fuq l-istituzzjonijiet li jissorveljaw, kif xieraq iżda mill-inqas darba fis-sena. Barra minn

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika (2023/C 20/01).

hekk, l-EBA ħarġet linji gwida biex tiżgura li l-awtoritajiet jużaw metodoloġija komuni meta jwettqu ttestjar superviżorju tal-istress annwali.

Fi ħdan l-Unjoni Bankarja, il-BĊE regolarment iwettaq testijiet tal-istress, analiżijiet tax-xenarji u simulazzjonijiet biex jinforma l-Proċess ta' Rieżami u Evalwazzjoni Superviżorji. Il-BĊE jwettaq ukoll rieżamijiet immirati tar-reżiljenza ċibernetika u tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni.

Fis-**settur tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet okkupazzjonali**, l-EIOPA twettaq regolarment testijiet tal-istress fl-UE kollha għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u għall-fondi tal-pensjoni okkupazzjonali (IORPs)[19], kull 3 snin, inkluż komponent tar-riskju ċibernetiku u tar-riskju klimatiku.

L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) twettaq testijiet tal-istress regolari fl-UE kollha tar-reżiljenza tas-CCP, fil-qafas tal-valutazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament ESMA u l-Artikolu 24a tal-EMIR. Għalkemm dawn it-testijiet jiffukaw fuq ir-reżiljenza tas-CCP biex tirreżisti l-iżviluppi negattivi tas-suq, l-ESMA tinkludi wkoll tipi oħra ta' riskji eżoġeni.

Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) ifassal xenarji negattivi għat-testijiet tal-istress tal-EBA (banek), tal-EIOPA (assigurazzjoni, fondi tal-pensjoni) u tal-ESMA (CCPs).

Id-Direttiva 2014/49/UE dwar l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) tirrikjedi li l-Istati Membri jwettqu l-kompiti tagħhom skont id-Direttiva. Ir-riżultati ta' dawk it-testijiet imbagħad jintużaw mill-EBA biex twettaq rieżamijiet bejn il-pari biex teżamina r-reżiljenza tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti.

## 4. Prospettiva

Is-settur finanzjarju tal-UE huwa mirfud minn qafas ta' preparatezza solidu u multidimensjonali. Il-qafas huwa magħmul minn leġiżlazzjoni settorjali speċifika, leġiżlazzjoni trasversali u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fis-setturi kollha u fl-Istati Membri kollha. Il-preparatezza tas-settur finanzjarju tal-UE għandha wkoll dimensjoni esterna, li permezz tagħha l-UE ssaħħaħ mhux biss l-istabbiltà finanzjarja tagħha, iżda wkoll ir-rwol tagħha bħala settur finanzjarju affidabbli u kredibbli fil-livell globali.

Is-settur finanzjarju tal-UE wera r-reżiljenza tiegħu matul kriżijiet fil-passat. Wera l-abbiltà tiegħu li jiflaħ għall-maltempati tal-pandemija tal-COVID-19, l-aggressjoni mir-Russja tal-Ukrajna, il-kriżijiet finanzjarji f'ġuriżdizzjonijiet oħra, l-attakki ċibernetiċi u ħafna episodji oħrajn.

Madankollu, minħabba t-theddid bla preċedent u l-ambjent ġeopolitiku aktar inċert li qed tiffaċċja l-UE, huwa importanti li jiġi vvalutat kontinwament il-livell ta' preparatezza tas-settur

[19] F'diversi Stati Membri, il-fondi tal-pensjoni okkupazzjonali ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva IORP II u għalhekk mhumiex regolati skont ir-regoli tal-UE. Tali fondi tal-pensjoni mhumiex soġġetti għall-eżerċizzji tal-ittestjar tal-istress tal-EIOPA.

finanzjarju tal-UE. L-UE qed tmexxi din il-ħidma ’l quddiem u tista’ tagħti bidu għal kwalunkwe aġġustament meħtieġ biex jiġu żgurati azzjonijiet preventivi u reattivi rapidi, miftiehma u proporzjonati, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f’dak tal-Istati Membri, bil-ħsieb li tinżamm rotta soda u jiġu ppreservati l-funzjonijiet vitali tas-settur finanzjarju tal-UE. Għall-ġejjieni, l-iżvilupp tal-SIU u l-introduzzjoni tal-euro diġitali huma mistennija jtejbu r-reżiljenza ġenerali tas-settur finanzjarju tal-UE u jkomplu jtejbu l-livell ta’ preparatezza tiegħu.